MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1787/2003

**Joseph Mangion**

**Vs**

**Marisa mart Eddie Chircop**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Settembru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200.00) rapprezentanti self brevi manu liema somma kellha tigi restitwita fis-26 ta' Mejju 2003 u mhux aktar tar minn din id-data.
Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet inklzi dawk ta' ittra legali.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Ra n-nota tal-attur fejn huwa rriduca t-talba tieghu ghas-somma ta’ mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120.00).

Sema' x-xhieda tal-attur, li kkonferma li l-ammont kif ridott ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba kif ridotta u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120.00). bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenuta skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------